Minuti tal-Laqgħa Nru. 57 tal-Ħames Kunsill Lokali ta' Ħal Luqa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar l-Erbgħa, 21 ta' Diċembru 2011 fil-5.30 p.m.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | il-Membri |
| Sindku | Is-Sur. John Schembri |
| Il-Kunsilliera | Is-Sur Joseph Scicluna<br>Is-Sur Joseph Camilleri<br>Is-Sinjura Luċia Massa<br>Dr. Frank Psaila |
| Skużati | Is-Sur Victor Caruana<br>Is-Sur. Joseph Piscopo A. Mus.L.C.M |
| Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur. Michael Portelli |

## AĠENDA

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Punti Mqajjma mill-Minuti
3. Korrispondenza
4. Attivita, Bethlehem f' Għajnsielem
5. Approvazzjoni ta' Ħlasijiet
6. Aġġornament

## 1.0 QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1 Il-minuti tal-laqgħa preċedenti inqraw u ġew approvati.

## 2.0 PUNTI MQAJJMA MILL-MINUTI

2.1 Il-Viċi Sindku saqsa lis-Segretarju jekk kienx hemm xi ħadd li ċempel wara li kien inqara l-avviż fuq l-esibizzjoni tal-presepji. Is-Segretarju irrisponda li ma kien hemm ħadd li ċempel fuq din l-inizjattiva.

2.2 Is-Sindku informa li rigward il-ktieb tal-poeżiji bħalissa ix-xogħol huwa miexi sewwa u huwa fil-proċess biex isir il-pubblikazzjoni tal-ktieb. Għandu jkun hemm sejħa għal kwotazzjonijiet biex tintgħażel l-aħjar offerta.

## 3.0 KORRISPONDENZA

3.1 Is-Sindku semma li kien hemm rapport li wasal min naħa tal-Bord tal-Gvernanza li kien qed jgħid li saru pagamenti lill-Kuntrattur Polidano bil-moħbi tal-Kunsilliera, kif ukoll jinsinwa li s-Segretarju mhux qed jimxi mar-regolamenti. Is-Sindku qal li dan ir-rapport kien qed isir min naħa tal-Kunsillier Victor Caruana.

3.2 Is-Segretarju irrisponda li il-kontenut u l-allegazzjonijiet li hemm mniżżla fir-rapport mhumiex minhom imma huwa kollu tgħawiġ ta fatti li għamel il-Kunsillier biex jiġbed l-attenzjoni tal-Bord tal-Gvernanza.

3.3 Huwa qal li l-Kunsilliera stess huma xhieda li l-pagamenti saru bl approvazzjoni tagħhom. Il-pagamenti imsemmija kollha kemm huma jidhru fuq is-schedule of payments rispettivi u dawn dejjem għaddew b' maġġoranza mill-Kunsill Lokali.

3.4 Is-segretarju semma wkoll li rigward il-pagament tas-€ 17,000 li hemm imsemmi fir-rapport dan sar wara li kien hemm gwida min naha tal-perit. Huwa semma wkoll li kien hemm email min naha tal-perita fejn hija stess indikat li jista jsir interim payment.

3.5 Is-Sindku wieġeb lis-Segretarju biex jirrispondi għal dawn l-allegazzjonijiet bla bażi u nfondati li semma l-Kunsillier Victor Caruana lill-Bord tal-Gvernanza. Dwar dan il-Kunsill qabel.

3.6 Is-Sindku semma li kellu laqgħa mal-managers tal-HSBC li infurmaw lill-Kunsill li huma kien se jagħlqu l-fergħa tal-HSBC li kien hawn Ħal Luqa. Huma qalu li se jkollhom jagħmlu din l-azzjoni minħabba ristrutturar. Il-managers qalu wkoll li huma lesti li jagħtu taħriġ lil dawk il-persuni li jsibu diffikulta biex jużaw l-ATM b' mod speċjali l-anzjani.

3.7 Minn naħa l-oħra huwa kien avviċinat minn diversi residenti li esprimew li din il-mossa se tkun qed tolqothom ħażin. Huwa qal ukoll li kien fl-interess tiegħu li jressaq l interess tar-residenti permezz ta konferenza stampa sabiex il-bank konċernat jikkonsidra l-pożizzjoni tiegħu.

3.8 Is-Sindku ddelega lil-Viċi Sindku biex jieħu ħsieb għal organiżazzjoni tal-ikla tal-Milied kif kien miftiehem. Is-Sindku semma li għal finanzjament tal-ikla għandhom jittieħdu l-provedimenti skont il-Memo li kien ħareġ is-sena ta qabel dwar l-istess suġġett.

3.9 Huwa semma wkoll li rigward il-mixgħela tal-Milied kien hemm biss offerta waħda li kienet dik ta Lawrence Cassar.

3.10 Minn naħa l-oħra huwa kompla jgħid li l-Każini tal-Baned ukoll tyaw is-sehem tagħhom biex fi żmien il-Milied isir id-dawl dekorattiv tajjeb ħafna. Is-Sindku irrakkomanda li bħala Kunsill ikun xieraq li jagħmel tajjeb għal ispejjeż tal-arloġġi tal-elettriku. Il-Kunsill qabel unanimament ma din ir-rakkomandazzjoni.

3.11 Is-Sindku tkellem rigward attivita li saret waqt ix-xahar ta Diċembru li kienet tikkonsisti fi tlielaq bil-karozzi tal-go cart. Il-flus li nġabru min dawk il-parteċipanti marru għal bżonnijiet tal-Istrina bħala inizjattiva li ħa l-Kunsill biex jgħin fuq din il-kampanja. Is-Sindku semma wkoll li huwa kien preżenti għal din l-attivita matul il-ġurnata kollha u meta kien hemm is- sewqan tal-vetturi l-kbar huwa intervjena sabiex jevita li jkun hemm inċidenti fil-lokalita.

3.12 Is-Sindku semma wkoll li kien avviċinat minn naħa ta rappreżentanti tal-Iskena minħabba li dawn riedu xi tabelli li jindikaw fejn jinsab Teatru Metanoia. Huwa semma li riċentament kien hemm xi tibdil fil-Kumitat u hemm aktar disponibilta sabiex isiru proġetti flimkien mal-Kunsill.

3.13 Is-Sur. Camilleri ippropona biex isir attivita għal żmien il-Karnival ġewwa l-lokalita tagħna. Is-Sindku semma li fuq dan is-suġġett jista jiġi diskuss aktar il-quddiem.

3.14 Is-Sindku semma li kien hemm ittra min naħa tad-Dipartiment fejn huma infurmaw il-Kunsill li huma kienu se jirtiraw il-flus mogħtija biex jintużaw għal aċċess fil-Kunsill Lokali, peress li x-xogħol imwiegħed fuq il-lift kien għadu ma sarx. Is-Sindku semma li din l-ittra kienet ġiet irrisponduta lura min naħa tal-Kunsill fejn anki ġiet spjegata s-sitwazzjoni u l-għala kien hemm id-dewmien speċjalment min naħa tal-KNPD u MEPA. Fir-risposta kien hemm ukoll miktub li f' kaz li mhux se jkun hemm aċċess għal anzjani, id-Daycentre ikollu jallokka ruħu. Huwa qal ukoll li kien hemm risposta għal ittra tagħna u dawn qalulna li għalhekk huma se jħallu l-fondi allokati għalina u jiġu mogħtija lill-Kunsill wara li jiġu ppreżentati l-fatturi.

3.15 Is-Sindku tkellem fuq il-proġett li fuqu saret l-applikazzjoni tal-GAL Xlokk. Huwa qal li kien hemm korrispondenza minn naħa ta Silvio Schembri li huwa l-manager ta GAL Xlokk fejn il-proġett kien aċċettat u ħa ningħataw finanzjament fuq il-proġett li għalih saret l-applikazzjoni fiż-żona ta' Ħal Farruġ. Dan il-proġett huwa stmat li jiswa madwar € 250,000

3.16 Is-Sindku semma li bħalissa qed isir xogħol fuq il-Housing Estates ta Triq Giovanni Bonavia u dak ta Ħal Farruġ. Huwa qal li fuq dak ta Triq Giovanni Bonavia qed isir paving ġdid fejn hemm il-pjazzetta u l-garaxxijiet.

3.17 Fil każ tal-Housing Estate ta Ħal Farruġ qed isir rampa biex ikun hemm aċċess għal stretchers tal-ambulanza kif ukoll għal wheel chairs. Meta dan ix-xogħol ikun lest ikun jista jinħareġ il-compliance certificate u jsir id-dawl.

3.18 Il-Kunsillier Camilleri saqsa meta se ssir Triq Anton Falzon. Is-Sindku rrisponda li l-Kunsill qed jistenna ċ-ċertifikazzjoni fuq ix-xogħolijiet tat-tarmac u ilhom xhur li saru. Kif ikun hemm iċ-ċertifikazzjoni tax-xogħolijiet, il-kuntrattur jkun jista' jitħallas u jkompli x-xogħol assenjat lilu.

## 4.0 ATTIVITA, BETHLEHEM F' GĦAJNSIELEM

4.1 Il-Viċi Sindku semma li għaż żjara ta Betlem f' Għajnsielem qed ikun hemm konkorenza tajba min naħa tar-residenti u bħalissa diġa hemm coach mimlija.

## 5.0 APPROVAZZJONI TA' ĦLASIJIET

5.1 Favur il-pagamenti kien hemm qbil anonimu min naħa tal-Kunsilliera preżenti.

## 6 AĠĠORNAMENT

Wara li l-laqgħa giet fi tmiemha L-Erbgħa 21 ta' Diċembru 2011, fis-6.05 p.m. is-Sindku awgura lil Kunsilliera kollha il-Milied u s-Sena t-Tajba. Ma kienx hemm ġurnata proposta għal laqgħa tax-xahar ta wara.

Konfermati llum ________________________ 2012.

______________________ ______________________

John Schembri
Sindku

Michael Portelli
Segretarju Eżekuttiv